MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Numru. 882/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Adel Alimi**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 13 ta` Settembru, 2013 fil-konfront ta` Adel Alimi, bin Masqd Alimi u Xhba imwieled it-Tuneżija nhar is-17 ta` Ġunju, 1972, residenti 48A, Flat 2, Triq it-Torri, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` numru 412996M fejn ġie mixli talli

1. Nhar it-12 ta` Settembru, 2013, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta` filgħodu ġewwa tas-Sliema u jew bnadi oħra, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta` wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmlu dan

is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta` dak is-servizz, **bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

2. Fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b`ħebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta` ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti, **bi ksur tal-Art. 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b`għajjat u ġlied, **bi ksur tal-Art Kap 9 Sec 338 (dd).**

4. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indeċenti u oxxen li jikkonsisti f`dagħa jew għamilt atti jew ġesti oxxeni jew b`xi mod ieħor offendejt il-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika, **bi ksur tal-Art 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

5. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lill-ħaddiehor inġurji jew theddid mhux imsemmija band`oħra f`dan il-kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurjat b`mod li ħareġ barra mill-limiti, **bi ksur tal-Art. 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

6. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, biex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f`xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta` tagħrif falz u dan **bi skur tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

7. Fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi saq vettura numru LAD 197 b`manjiera traskurata u **dan bi ksur tal-Kap 65 tal-Art. 15(1a)(2);**

8. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta` vettura numru LAD 197 fit-triq jew f`post pubbliku meta ma kienx f`kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi u **dan bi ksur tal-Kap. 65 tal-Art. 15A;**

9. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rrifjuta jew naqas milli jagħti skont il-liġi kampjun tan-nifs u **dan bi ksur tal-Kap. 65 tal-Art. 15E(4);**

10. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAB 197 b`sewqan eċċessiv u b`manjiera traskurata, negliġenti u perikoluża.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 14 ta' Frar 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' Adel Alimi fl-Artikoli 95, 96, 188, 338(bb)(dd) u 339(1)(e) kif ukoll l-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-Artikoli 15(1)(a)(2)(3), 15A u 15E tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tal-24 ta' Marzu 2014 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ukoll li l-imputat għażel li joffri d-deposizzjoni tiegħu nhar il-24 ta' Marzu 2014 u għalhekk il-Qorti, wara li semgħet lill-imputat, u wara li stqarr li ma kellux aktar provi x'jipproduċi, semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u għaddiet biex tgħati s-sentenza ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi din il-Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet tal-fatti li huma kemxejn kontrastanti. Dik tal-Pulizija direttament involuti f'dan il-każ ossija PC243 Clayton Frendo u PC336

Francesco Imbroll kif imbagħad imsaħħa f'diversi aspetti bil-verżjoni tas-Surġent WPS215 Valerie Farrugia u l-verżjoni skont l-imputat.

Din il-Qorti ssib li l-verżjoni tal-imputat ma kienet xejn konvinċenti u jekk xejn, tkompli ssaħħaħ diversi aspetti tal-verżjoni tal-fatti mistqarra mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hawn fuq imsemmija. Din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar il-fatti kif mistqarra mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni u qegħda tiddisponi minn dan il-każ bil-mod segwenti :

1. L-ewwel imputazzjoni ġiet pruvata in kwantu mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni ħareġ ċar li l-imputat, wara li kien ġie mwaqqaf mill-Pulizija u meħud fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema qal kliem li kien inġurjuż kif ukoll ta' theddid fil-konfront ta' WPS215 Valerie Farrugia fejn għajjarha "qaħba" (fol 37 korroborat bix-xiehda ta' PC336 a fol 48); kif ukoll li għajjar lill-Pulizija preżenti billi bagħthom "jieħduh f'..... kemm għandhom". Il-Qorti tqis li dan il-kliem mistqarr mill-imputat jammonta għar-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu kien hemm inġurji fil-konfront tal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu qegħdin jagħmlu xogħolhom skont il-Liġi u għalhekk fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz. Mix-xiehda tal-Pulizija hawn fuq imsemmija il-Qorti hija konvinta li kien hemm l-estremi tal-*animus injuriandi* fil-kliem mistqarra mill-Pulizija kif hawn fuq riportati. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' PC336 (a fol 49) li waqt li kienu fil-karozza sejrin il-lock-up, l-imputat heddu wkoll li la joħorġu minn din il-biċċa huwa kien sejjer ipattihielu. Din fil-fehma tal-Qorti hija forma ta' theddida espliċita mistqarra fil-konfront tal-Uffiċjal tal-Pulizija mistqarra bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu waqt li kien qiegħed jaqdi s-servizz tiegħu ta' uffiċjal tal-Pulizija.

2. Biss mir-rakkont tal-fatti kif relatati mill-Uffiċjali tal-Pulizija ma tqisx li f'dan il-każ hemm l-estremi għalbiex l-imputat jiġi misjub ħati wkoll tar-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti ma ssibx li ma nġiebux provi li jikkonvinċuha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat wettaq attakk jew reżistenza fil-konfront tal-Pulizija li xehdu. Huwa minnu li kemm PC243 Clayton Frendo kif ukoll PC336 Francesco Imbroll jistqarru li l-imputat ma kkoperax magħhom u ma riedhomx li jarrestawh b'mod li rreżista milli jiġi arrestat bil-kelma t-tajba. Pero din il-Qorti trid tqis li l-istess Pulizija ma jgħidux li l-imputat b'xi mod ħebb għalihom jew attakkahom waqt li kienu qegħdin jeżegwixxu l-Liġi. Il-kwistjoni legali hija – l-imputat qabeż il-limiti tar-reżistenza għall-arrest li jwassal għal reżistenza bi vjolenza jew addirittura attakk fuq il-Pulizija? Skont l-Imħallef William Harding fil-każ "Il-Pulizija vs John Mallia" deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 : -

> Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Issa f'dan il-każ, din il-Qorti tħoss li dak li għamel l-imputat kien preċiżament li rreżista lill-Pulizija fis-sens li kien spint mix-xewqa naturali tal-liberta proprja – u mix-xiehda tal-Pulizija li kienu qegħdin jeżegwixxu l-manuvra tal-arrest jirriżulta li l-imputat ma ħebbx għalihom. Mix-xiehda ta' PC243 jirriżulta li l-imputat beda jżomm iebes biex ma jkunux jistgħu jagħmlulu l-manetti u kien vjolenti fis-sens li beda jtajjar idejh (ara fol 23). Għalhekk din il-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li bl-aġir tiegħu l-imputat spinġa jdejh fuq il-Pulizija li kienu qegħdin iżommuh **biex joffendihom fuq il-persuna tagħhom**. Konsegwentement il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

3. Similment mill-provi prodotti il-Qorti tqis li t-tielet u r-raba' imputazzjoni ma ġewx sodisfaċentement pruvati.

4. Il-Qorti tqis li l-ħames imputazzjoni ġiet pruvata sal-grad rikjest mil-Liġi iżda hemm lok li bejn din il-ħames imputazzjoni u l-ewwel imputazzjoni jitqies li hemm ness ġuridiku u naturali u għalhekk jiġu ritenuti li huma reat uniku.[1]

5. Inoltre, mill-provi prodotti, din il-Qorti ma tqisx li s-sitt imputazzjoni tista legalment tirnexxi. Din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni in kwantu li l-elementi tar-reat de quo ma ġewx sodisfaċentement pruvati.[2]

---

[1] Ara "Il-Pulizija vs Giuseppe Vella et", Qorti Kriminali per Imħallef W. Harding, deċiża nhar l-10 t'Ottubru 1954 kif ukoll "Il-Maesta tagħha r-Regina vs. Geraldu Cassar", Qorti Kriminali (Appell), 1 ta' Lulju 1952 per Montanaro Gauci A.J., Gouder Tancred u Camilleri Albert V.

[2] Inoltre, għalkemm ġie mistqarr li l-imputat qal lis-Surġent li kien ġie msawwat mill-Pulizija (u l-istess donnu ġie mistqarr mat-Tabiba Lorna Attard mill-Poliklinika tal-Floriana), din l-istqarrija ta' kummissjoni ta' reati kriminali minn persuni nominati quddiem awtorita kompetenti mhix daqstant il-meritu tar-reat addebitat lill-imputat daqskemm il-meritu ta' reat kriminali ieħor li bih huwa ma ġiex addebitat.

6. Inoltre, mill-kumpless tal-provi prodotti jirriżulta pero li l-kumplament tal-imputazzjonijiet ossija l-imputazzjonijiet numri 7, 8, 9 u 10 ġew sodisfaċentement ippruvati. Is-sewqan tal-imputat fuq il-karreġġjata opposta tat-triq kienet sejra twassal għal kolliżjoni bejn il-vettura misjuqa mill-imputat fil-vettura misjuqa mill-Pulizija li kieku ma kienx għall-manuvra subitanea tal-Pulizija biex tiġi evitata l-kolliżjoni. Dan it-tip ta' sewqan huwa wieħed traskurat ħafna u perikoluż, b'mod partikolari meta jitqiegħed fil-kuntest tat-triq li tkun frekwentata minn traffiku ta' vetturi kostanti kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl bħal ma hi dik fejn kien qiegħed isuq l-imputat. Għar-raġunijiet legali aktar il-fuq esposti din il-Qorti qegħda tqis l-għaxar imputazzjoni u s-sebgħa imputazzjoni bħala li jikkostitwixxu reat uniku.

7. Kwantu għat-tminn u d-disa imputazzjoni, il-Qorti tqis li dawn ġew sodisfaċentement ippruvati. Ġie ppruvat li, fil-mument ta' meta l-Pulizija waqfuh sabu li l-imputat kien fi stat li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi. F'dan il-każ it-tliet uffiċjali tal-Pulizija tennew li huwa kellu riħa ta' xorb. Inoltre, jirriżulta pruvat ukoll li l-imputat qajla kien jaf eżattament x'kien qiegħed jiġri meta kien ġie mwaqqaf. Dan ġie rifless ukoll mid-deposizzjoni tiegħu.

8. Il-verżjoni tal-imputat dwar dan l-inċident hija waħda neboluża immens u ma taqbel xejn mal-kronoloġija tal-fatti kif rakkuntata u korroborata mill-Pulizija u mid-dokumenti eżibiti minnhom. Hemm konfużjoni fl-ordni u fil-kronoloġija tal-fatti kif rakkuntati mill-imputat li tkompli ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li tant ma kienx f'sensih l-imputat li anke l-memorja tiegħu ta' dak li seħħ kienet ofuskata u konfuża għall-aħħar. Jingħad biss li huwa ma jiftakarx li l-ewwel ittieħed l-Għassa tas-Sliema u meta ġie mistieden jieħu t-test tan-nifs u li huwa irrifjuta dan (kif muri wkoll mid-dokument eżibit a fol 40 u 41).

9. Anzi jgħid li l-Pulizija kienu ħaduh mill-ewwel għand it-tabiba u li din ratu d-Depot tal-Pulizija! L-anqas ftakar li kienu ħaduh il-Poliklinika tal-Floriana. Din it-tabiba tgħid li hi kienet xogħol ta' bil-lejl fil-Poliklinika tal-Floriana u lill-imputat kienu ħaduh il-Pulizija (a fol 75 tgħid "Jiena kif ġabuh il-Pulizija ezaminajtu dritt").

10. Inoltre jirriżulta mid-dokument a fol 40 u 41 li meta l-imputat irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs, WPS 215 Valerie Farruga kienet ħarġet iċ-ċitt mill-apparat tat-test tan-nifs u din iċ-ċitt ġiet stampata nhar it-12 ta' Settembru 2013 fl-01:46am! Pero l-imputat jgħid li dak in-nhar ta' meta ġie arrestat huwa ma ġiex mogħti l-bużżieqa u li dakinhar kien ittieħed id-Depot u ma kienx ittieħed l-Għassa ta' tas-Sliema! Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-konfużjoni fil-fatti tirrifletti li l-imputat ma kienx luċidu meta kien ġie arrestat. U r-raġuni ta' tali nuqqas ta' luċidita' kienet l-istat t'ebrezza li kien jinsab fih.

***<u>Ikkunsidrat</u>***

Illi l-fedina penali tal-imputat, għalkemm mhix netta, turi wkoll reat ieħor tal-istess natura bħal dawk kontestati lilu fit-tminn imputazzjoni. Dan huwa fatt inkwetanti meta wieħed iqis li vettura misjuqa fit-triq f'dik il-kundizzjoni tista sservi ta' mezz li permezz tiegħu jiġi kommessi traġedji kbar fit-toroq Maltin. Bla dubju ta' xejn dan l-aġir huwa wieħed ċensurabbli għall-aħħar u jidher li l-imputat għandu predisposizzjoni li jikkommetti dan it-tip ta' prattiċi hekk perikolużi.

***<u>GĦALDAQSTANT</u>***

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 95, 96, 188, 338(bb)(dd) u 339(1)(e) kif ukoll l-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-Artikoli 15(1)(a)(2)(3), 15A u 15E tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ssib lill-imputat Adel Alimi mhux ħati tat-tieni, tielet, raba' u sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena, qegħda ssibu ħati tal-ewwel, il-ħames, is-seba', it-tminn, id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (bil-kwalifika tar-reat uniku kif imsemmi aktar il-fuq bejn l-ewwel u l-ħames imputazzjoni kif ukoll bejn is-sebgħa u l-għaxar imputazzjoni) u tikkundannah għal multa komplessiva fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) li ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista tiġi imħalsa permezz ta' rati mensili ta' mitt euro (€100) bl-ewwel pagament isir fl-ewwel jum tax-xahar ta' Lulju 2014 u hekk kull ewwel tax-xahar suċċessiv ininterrottament u fil-każ li l-ħati jonqos li jħallas imqar pagament wieħed, huwa jitlef il-benefiċċju taż-żmien akkordat lilu u l-bilanċ kollu jiġi dovut minnufih u jekk ma jitħallasx immedjatament jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata statutorja pro tempore; inoltre, tordna l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar li għandhom jibdew jgħoddu minn nofs il-lejl tal-għada li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------